**Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat: Dr. Victor G. Axiak B.A., LL.D., Dip. Tax**

# L-AĠENZIJA GĦAS-SISTEMA TA' INFURZAR LOKALI V. ROBERTO ANTONIO PESTANA DE FARIA (KI. 163462A)

## KONTRAVVENZJONI NRU. 047-11962-0

7 ta' April 2022

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Roberto Antonio Pestana de Faria (KI. 163462A) akkużat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja talli:

- fl-14/05/2021 fis-7.25am ġewwa Triq tal-Qroqq, Msida, wettaq "*kontravvenzjoni ta' marki tal-karreġġjata (Ma tistax tieqaf – double yellow line) – Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku, 2*"

Rat id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni u kkundannatu jħallas tlieta u għoxrin euro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€23.29) ammenda.

Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fit-13 ta' Ottubru 2021 (kif emendat permezz tad-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Jannar 2022 fuq talba tal-appellant) li bih talab li:

1. *Il-Bord tal-Petizzjonijiet jiġi xolt u maħtur mill-ġdid minn persuni indipendenti għar-rikorrent;*

2. *Tingħata direzzjoni lir-rikorrent għas-sospenzjoni tal-kontravenzjonijiet kollha tal-esponent sakemm jiġi maħtur Bord tal-Petizzjonijiet ġdid;*

3. *Tingħata direzzjoni lir-rikorrent sabiex hekk kif jiġi maħtur Bord tal-Petizzjonijiet indipendenti jinstemaw mill-ġdid il-petizzjonjiet kollha tal-esponenti li ma ġewx aċċettati jew kkunsidrati;*

4. *Tiddikjara li it-Tribunal ma' għandux kompetenza sabiex jiddiċiedi kontravenzjonijiet relatati ma' e-kick scooters li jaqaw taħt il-leġislazzjonijiet sussidjarji dwar regolamenti dwar il-Mikromobilita';*

5. *Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minnha.*

6. *Tordna lir-rikorrent iħassar u jirrevoka il-kontravenzjonijiet kollha relatati ma' e-kick scooters li għandu pendenti l-esponent.*

Rat li b'digriet tal-20 ta' Jannar 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex iżid talba oħra u ċioe:

7. *Tiddikjara li t-taħrika oriġinali u anke il-proċeduri quddiem it-Tribunal Lokali huma nulli u mingħajr effett fil-liġi.*

Rat li l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. *"Illi in linea preliminari, qiegħed jiġi eċċepit illi dawn l-ekick scooters huma irreġistrati fuq isem ta' kumpannija li jirrappreżenta l-esponenti u allura l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kuntradittur taċ-ċitazzjoni li ingħatat lilu peress li huwa jirrappreżenta il-kumpannijja Maltija Seven Group Malta Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni tar-Reġistru tal-Kumpannijji ta' Malta (C 97102) fil-kapaċita tiegħu bħala direttur u li tali kumpannija hija is-sid tal-Bird bin-numru ta' reġistrazzjoni "E", "S", żero, żero, żero, ergħba, sitta, sitta (ES000466) u e-kick scooters oħra hekk kif irreġistrati mal-Awtorità tat-Trasport f'Malta kif ukoll fuq il-liċenzja annwali imħallsa fejn ir-rikorrent kien jaf peress li għandu aċċess għal-tali informazzjoni bi ftehim mal- Awtorità tat-Trasport f'Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, l-esponenti iħossu aggravat għall-fatt illi il-Bord tal-Petizzjonjiet hekk kif appuntat skont leġislazzjoni sussidjarja 291.04 (Regolamenti Dwar Petizzjonijiet Quddiem it-Tribunali Lokali) qatt ma jista jkun imparzjali għaliex il-Bord jinħatar mill-istess Ministru responsabbli għall-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali u allura jista jkun hemm xi kunflitt ta' interess speċjalment li sabiex taċċedi għall-petizzjonijiet tal- Bord tal-Petizzjonjiet*

*trid tuża is-sistema onljan tas-sit tal-LESA (sit les.gov.mt) joħloq dubju li jiġi interpretat li il-LESA u l-Bord tal-Petizzjonjiet qed jaħdmu id f'id;*

3. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-esponenti iħossu aggravat li minkejja li il-Bord tal-Petizzjonjiet jeżerċita poteri akkont tal-artikolu 4 u artikolu 5 tal- leġislazzjoni sussidjarja 291.04 (Regolamenti Dwar Petizzjonijiet Quddiem it-Tribunali Lokali) l-esponenti qatt ma seta' ikollu possibbiltà ta' smigħ xieraq quddiem dan il-Bord minħabba l-fatt li l-esponenti qatt ma kellu possibilità jara il-kummenti tal-Aġenzija u wisq lanqas ma intalab jikkjarifika fuq l-istess, jew ġie provdut minuti ta' jekk saritx il-laqgħa ta' fejn ġew trattati l-petizzjonijiet tiegħu;*

4. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-esponenti iħossu aggravat li ir-rikorrent flimkien mal-Bord tal-Petizzjonjiet sar judex in causa sua u b'hekk tali Bord tal-Petizzjonijiet ma għandux jiddeċiedi u jikkonferma kontravenzjoni f'kaz fejn huwa stess kien appuntat mill-istess Ministru skont artikolu 3(1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 291.04 (Regolamenti Dwar Petizzjonijiet Quddiem it-Tribunali Lokali).*

5. *Illi in oltre skont Kapitolu 291 (Att Dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja) reati, li jsiru infrazzjonijiet u jistgħu jinstemgħu minn Kummissarji (Tat-Tribunali Lokali), skont Skeda (Artikolu 2) ma jinkludux reati ta' e-kick scooters li huma regolati taħt leġislazzjoni sussidjarja 499.67 (Regolamenti dwar il-Mikromobilita') u taħt leġislazzjoni sussidjarja 65.32 (Regolamenti dwar il-Mikromobilita') fejn iż-żewg leġislazzjonijiet sussidjarji huma neqsin minn tali Skeda u għaldaqstant il-Kummissarji ma għandomx il-poter li jisimgħu u wisq aktar jikkundannaw, jinfliġġu jew jikkonfermaw pieni relatati ma' e-kick scooters.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fattispeċi ta' dan il-każ kif elenkati fir-rikors t'appell mill-appellant huma dawn:

i. Illi, l-Appellant huwa reġistrat u liċenzjat sabiex jopera fis-settur tal-kiri ta' e-kick scooters fil-gzejjer Maltin lil terzi, u jutiliżża applikazzjoni ta' programm sabiex ikun jista jara fejn dawn l-e-kick scooters ikunu qed jinkrew u jinsabu. Huwa iħaddan flotta ta' madwar tlett mitt (300) e-kick scooter u bl-iskwadra tiegħu kuljum imur idur jiċċekja li mhux qedgħin f'xi post fejn jagħtu zgombru. Dan ix-xogħol pjuttost isir bil-lejl meta in-nies jieqfu jużaw l- e-kick scooters.

ii. Illi nhar il-14 ta' Mejju 2021, madwar l-07:25am, rikkieb terz ta' vettura tal-esponenti pparkja e-kick scooter li kien qed jikri minn għand il-kumpannijja tal-esponenti tal-marka Bird bin-numru ta' reġistrazzjoni "E", "S", żero, żero, żero, ergħba, sitta, sitta (ES000466) fi Triq tal-qroqq, fl-Msida;

iii. Illi konsegwentement, ġiet maħruġa ċitazzjoni bin-numru 047-11962-0 għar-raġuni li kiser l-immarkar tal-karreġġjata (ipparkja fuq linja safra doppja) minn Uffiċjal tal-Komunita';

iv. Illi t-tali ċitazzjoni qatt ma kienet ġiet mogħtija lill-esponenti minħabba li e-kick scooter ikun parkeġġat f'post pubbliku u jintuża minn rikkieba differenti u id-disinn tal-e-kick scooter ma jipprovdix daxxbord jew but fejn wieħed jista ipoġġi tali kontravenzjoni, għaldaqstant l-esponenti ma ndunax li kienet ingħatat l-istess ċitazzjoni surreferita;

v. Illi meta għal ħabta ta' Ġunju l-esponenti irreġistra biex juża is-sistema onlajn tal-LESA sar jaf b'tali ċitazzjoni, fejn huwa kiteb ittra lill-Bord tal-Petizzjonijiet, u fejn dan tal-aħħar ċaħad l-appell ta' tlieta (3) ta' Lulju 2021 u minkejja li l-esponenti reġa kiteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet fi tletin (30) ta' Awwissu 2021 din ta' l-aħħar lanqas ġiet ikkunsidrata mit-tali Bord (Not Taken Cognisance of by BOP);

vi. Illi l-esponenti stenna in-notifika sabiex jidher quddiem it-Tribunal rispettiv, pero' la huwa u wisq anqas il-kumpannijja li jirrappreżenta ma ġew qatt innotifikati sabiex jidhru quddiem it-tali Tribunal;

vii. Illi permezz tas-sistema onlajn tas-sit tal-LESA, l-esponenti sar jaf dwar is-seduta tat-Tribunal u attenda pero it-Tribunal ma laqgħax l-argumenti tal-esponenti u t-Tribunal sabitu ħati tal-kontravvenzjoni u mmultatu tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 23.29);

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn għal kull bwon fini qed jiġi preċiżat li l-appellata hija "L-Aġenzija Għas-Sistema ta' Infurzar Lokali" u mhux "LESA" kif erronjament ġie indikat fir-rikors t'appell mill-appellant u mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Għalkemm ma' saret ebda talba għal din il-korrezzjoni , huwa evidenti illi dak li jidher kemm fir-rikors t'appell u kemm fid-deċiżjoni huwa sempliċi *lapsus* u għalhekk din il-Qorti qegħda tikkoreġi *ex officio* dan

l-isem ai termini tal-Art. 175(2) tal-Kap. 12 kif reż applikabbli għal din il-Qorti bl-Art. 520(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi qabel tinoltra ruħha f'eżami tal-lanjanzi li jqajjem l-appellant, l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi diversi talbiet magħmulha mill-appellant fir-rikors t'appell tiegħu huma rriti u nulli u ma' jistgħu bl-ebda mod jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti. Dan qed jingħad għaliex ai termini tal-Art. 419(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

**'419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -**

**(a) il-fatti fil-qosor;**

**(b) ir-raġunijiet tal-appell;**

**(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.'**

Illi l-appellant għoġbu jagħmel numru ta' talbiet (senjatament talbiet numru 1, 2, 3 u 6) illi apparti li m'għandhom l-ebda fondament legali, huma oltre dak li tista' tagħmel din il-Qorti bħala Qorti ta' Reviżjoni;

Illi fir-rigward tar-raba' talba din hija iżjed fin-natura ta' aggravju u filfatt kellha ssib ruħha fil-lista tal-aggravji ossia' bħala waħda mir-raġunijiet 'l għala l-Qorti għandha tilqa' t-talba għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja;

Illi huma l-ħames u s-seba' talbiet l-unika talbiet li jissodisfaw il-vot tal-liġi u li jistgħu jiġu kkunsidrati mill-Qorti. Il-ħames talba hija proprju dik illi din il-Qorti "*tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata*".

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti għandha l-funzjoni li tirrevedi deċiżjoni mogħtija minn Kummissarju tal-Ġustizzja taħt l-Art. 11 tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ l-appell prinċipalment jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Kummissarju tal-Ġustizzja. Huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti li f'dan il-każ qed taqdi rwol ta' Qorti ta' Reviżjoni. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Zammit** (21/04/2005):

> *"kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx*

> *ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni"*[1]

Illi b'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-istess Kummissarju. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni (dan ikun possibbli biss meta jsir rikors appożita taħt l-Art. 11A tal-Kap. 291), ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn jeħodha l-Kummissarju tal-Ġustizzja li għandu d-dover li janalizza l-provi u l-argumenti legali u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara li jkun qies kollox;

Illi biex jingħad kollox, kif inhija l-prassi f'proċeduri quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fejn il-volum ta' kawżi huwa wieħed kbir u għalhekk *di necessita* jitmexxew b'ċertu ħeffa, id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2021 m'għandha l-ebda motivazzjoni u għalhekk huwa xi ftit jew wisq diffiċli għal din il-Qorti sabiex taqdi b'mod strett ir-rwol tagħha ta' Qorti ta' **Reviżjoni**. Inoltre ma' jidhirx li x-xhieda tal-persuna li xehdet quddiem il-Kummissarju, ċioe CO 838 Eric Farrugia, ġiet traskritta u kull m'għandha l-Qorti minn dan ix-xhud huwa tlett ritratti *black & white* meħuda mill-istess uffiċjal. Anqas huwa ċar jekk xi waħda mill-lanjanzi mressqa mill-appellant f'dan ir-rikors ġewx ukoll mressqa quddiem l-istess Kummissarju.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolat dan il-punt proċedurali, jifdal biex jiġi trattat l-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant. Skond l-appellant: "*dawn l-ekick scooters huma irreġistrati fuq isem ta' kumpannija li jirrappreżenta l-esponenti u allura l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kuntradittur taċ-ċitazzjoni li ingħatat lilu peress li huwa jirrappreżenta il-kumpannijja Maltija Seven Group Malta Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni tar-Reġistru tal-Kumpannijji ta' Malta (C 97102) fil-kapaċita tiegħu bħala direttur u li tali kumpannija hija is-sid tal-Bird bin-numru ta' reġistrazzjoni "E", "S", żero, żero, żero, ergħba, sitta, sitta (ES000466) u e-kick scooters oħra hekk kif irreġistrati mal-Awtorità tat-Trasport f'Malta kif ukoll fuq il-*

---

[1] Ara ukoll **Il-Pulizija v. John Dyer** (Qorti tal-Appell Inferjuri, 165/2019, Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja, 19/11/2019)

*liċenzja annwali imħallsa fejn ir-rikorrent kien jaf peress li għandu aċċess għal-tali informazzjoni bi ftehim mal- Awtorità tat-Trasport f'Malta"*;

Illi dan l-appell huwa wieħed minn numru kbir ta' appelli ppreżentati mill-istess appellant li għalkemm jirreferu għal *e-kick scooters* differenti u jitrattaw reati kommessi minn utenti ta' *e-kick scooters* reġistrati fuq il-kumpanija "Seven Group Malta Limited" f'dati, ħinijiet u postijiet differenti, madanakollu għandhom il-mertu tagħhom identiku in kwantu d-diversi aggravji mressqa fl-appelli huma identiċi għal xulxin;

Illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022 ġie ippreżentat kopja ta' *logbook* ta' waħda mill-*e-kick scooters* in kwistjoni u l-partijiet qablu illi għal raġunijiet ta' prattiċita dan għandu jtiqies bħala prova fl-appelli kollha, inkluż f'dan l-appell, minkejja illi l-*logbook* jista' jirrelata għal *e-kick scooter* divers minn dak li jkun is-suġġett ta' dak l-appell;

Illi skond l-Artikolu 2 tar-<u>Regolamenti dwar Ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur</u> (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02), **"sid"** tfisser **'persuna, kemm bħala individwu u kemm f'<u>rappreżentanza ta' kumpanija</u>** (sottolinear tal-Qorti)**, azjenda bi sħubija jew soċjeta' koperattiva, li jkun f'isimha li vettura bil-mutur tkun reġistrata u jkollha liċenzja';**

Illi mill-kopja tal-*logbook* eżebita jirriżulta illi sid l-*e-kick scooter* hija l-kumpanija "Seven Group Malta Limited". Filwaqt li isem l-appellant "Roberto Antonio Pestana De Faria" huwa mniżżel taħt isem il-kumpanija, huwa ċar li dan huwa biss l-isem u l-kunjom tal-individwu li qed **<u>jirrappreżenta</u>** lill-kumpanija (għalkemm anke f'dan ir-rigward, l-Aġenzija appellata kienet tenuta tressaq evidenza separata) u mhux il-persuna li f'isimha huwa reġistrat l-*e-kick scooter*.

Illi ai termini tal-Art. 13 tal-<u>Att dwar l-Interpretazzjoni</u> (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta):

**'13.Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat ...'**

Illi għalhekk filwaqt li l-appellant jibqa' responsabbli f'għajnejn il-liġi (sakemm ma' jippruvax mod ieħor skond l-Artikolu msemmi) dan kellu jitressaq quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant (direttur, segretarju, etċ) ta' Seven Group Malta Limited u mhux fil-kapaċità tiegħu personali;

Inoltre anke li kieku l-imputazzjoni ħarġet kontra l-appellant bħala rappreżentant ta' Seven Group Malta Limited xorta waħda kien jinkombi fuq l-Aġenzija appellata illi tipprova illi l-imputat tabilħaqq huwa rappreżentat tal-kumpanija msemmija u dan billi tesebixxi provi dokumentarji mill-Malta Business Registry. Dan qed jingħad għaliex għalkemm l-imputat huwa mniżżel fuq il-*logbook* bħala l-persuna naturali li qed tirrappreżenta s-sid, jista' jkun il-każ li l-imputat ma' baqax assoċjat mal-istess kumpanija u ma' kienx rappreżentant tagħha fiż-żmien tal-allegat reat;

Illi għal kull bwon fini jingħad ukoll illi filwaqt li r-Regolamenti dwar il-Mikromobilita' (li inċidentalment il-leġislatur għoġbu jdaħħal fil-liġi għal darba darbtejn, taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.32 u taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.67) jipprovdu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' operatur **"f'isem persuna naturali awtorizzata biex tirrappreżenta l-impriża",** tali liċenzja hija differenti mill-liċenzja ta' reġistrazzjoni rregolata bil-liġi taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u filfatt tikkonċerna biss l-funzjonijiet ta' intrapriża illi tipprovdi servizzi ta' *e-kick scooter sharing.*

Illi għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti teżamina l-aggravji l-oħra tal-appellant.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tħassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2021 u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur